**1 ta' Ottubru, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Joseph Filletti, B.A., LL.D.**

Joseph Grech *et*

*versus*

Segretarju tad-Djar

## Ċitazzjoni - Talba Waħda għall-Kundanna għall-Ħlas - Nuqqas ta' talba għal Dikjarazzjoni ta' Responsabbiltà - Nullità

*Iċ-ċitazzjoni attriċi tikkontjeni talba waħda, cjoè kundanna għall-ħlas kontra l-konvenut. Ma hemm ebda talba oħra sabiex jiġi ddikjarat u deċiż ukoll li l-konvenut kien responsabbli għal dak li ġara.*

*Il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbiltà tal-konvenut mhix waħda impliċita 'ope legis', anzi bil-maqlub. Fl-istess premessi tiegħu l-attur jallega li l-oġġetti in kwistjoni nstabu neqsin meta l-post fejn tqiegħdu għall-kustodja kien magħluq 'fejn qabel kienu ġew kustoditi sewwa'.*

*Dan ifisser neċessarjament li l-ewwel indaġni li trid issir hija proprju dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut. Din ma tistax u ma setgħetx tiġi assunta. Kieku l-Qorti kellha tgħaddi mill-ewwel għat-talba*

*attriċi kif dedotta dan ikun ifisser li l-parti dwar ir-responsabbiltà o meno tal-konvenut tkun qiegħda tiġi ssorvolata - ħaġa li ma tistax tagħmilha.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-konvenut ġarr l-għamara u mobbli ta' l-atturi mir-residenża temporanja tagħhom f'Marsascala u ħadhom fil-pussess u taħt il-kustodja tiegħu ġo *store* f'Hal Far, limiti ta' Birżebbuġa;

Peress illi meta l-atturi ġew biex jieħdu lura l-istess mobbli mill-imsemmi *store* fejn qabel kienu ġew assigurati li l-oġġetti kienu kkustoditi sewwa, huma sabu l-affarijiet elenkati fid-Dok. 'A' neqsin, għalkemm ma kien hemm l-ebda sinjali ta' żgass u sa ftit ġranet qabel kienu għadhom fl-istess *store*;

Peress illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat iħallas prezzhom fis-somma ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm527) huwa baqa' inadempjenti;

Talbu li din il-Qorti (1) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm527 prezz ta' l-oġġetti mobbli elenkati fid-Dok. 'A' hawn unit u li nstabu neqsin meta kienu fil-pussess u taħt il-kustodja tal-konvenut, jew somma oħra verjuri li tillikwida din il-Qorti bħala dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru, 1984 u bl-imgħax legali mit-12 ta' Settembru, 1984,

data tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa: (1) illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hija nulla stante li ma hemm l-ebda talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-konvenut; (2) illi subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari huwa ma hu bl-ebda mod responsabbli u ma għandux iħallas xejn għad-danni allegati stante li ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji dana speċjalment skond dak indikat fl-artikolu 4(5) tal-*Housing Act*, 1949; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Ittrattata l-ewwel eċċezzjoni;

Din li ġejja hija deċizjoni preliminari rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Jekk wieħed iħares lejn iċ-ċitazzjoni attriċi jsib li din tikkontjeni talba waħda, cjoè kundanna għall-ħlas kontra l-konvenut. Ma hemm ebda talba oħra. Skond il-konvenut għalhekk 'iċ-ċitazzjoni hija nulla għax ma ġietx preċeduta minn talba oħra sabiex jiġi ddikjarat u deċiz ukoll li l-konvenut kien responsabbli għal dak illi ġara'. L-attur isostni li dak li kellu jgħid huwa imniżżel fil-premessi u li t-talba unika tiegħu hija konsegwenzjali għan-nuqqasijiet tal-konvenut. F'kull każ,

sostna l-attur, il-Qorti għandha tgħaddi biex tiddelibera *in meritu* mingħajr ma toqgħod tieqaf minħabba ostakoli formalistiċi;

Wara li eżaminat il-fatti u d-dottrina in materja, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut f'dan il-każ għaliex, kif jidher mill-fatti esposti, ir-responsabbiltà tal-konvenut mhix waħda implicita *ope legis*, anzi bil-maqlub. Fl-istess premessi tiegħu l-attur jallega li l-oġġetti in kwistjoni nstabu neqsin meta l-post fejn tqiegħdu għall-kustodja kien magħluq 'fejn qabel kienu ġew ikkustoditi sewwa'. Dan ifisser neċessarjament li l-ewwel indaġni li trid issir hija proprju dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut. **Din ma tistax u ma setgħetx tiġi assunta.** Kieku l-Qorti kellha tgħaddi mill-ewwel għat-talba attriċi kif dedotta dan ikun iffisser li l-parti dwar ir-responsabbiltà o meno tal-konvenut tkun qiegħda tiġi ssorvolata - ħaġa li ma tistax tagħmilha. (Ara wkoll id-deċizjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Ċivili) in re: **Abdilla *vs* Messina** mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 1977). Fi kliem ieħor, it-talba attriċi għall-ħlas tista' tiġi milqugħa biss bħala **konsegwenzjali** għal talba anteċedenti ta' dikjarazzjoni ta' responsabbiltà. B'dan in-nuqqas, għalhekk iċ-ċitazzjoni hija irrita u nulla;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi tiddikjara din iċ-ċitazzjoni irrita u nulla, u tillibera għalhekk lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi.